MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru. 605/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Alexander sive Sandro Maggi, bin il-mejjet John u l-mejta Mary imwielda Portelli, mwieled Attard fit-03/06/1966, u joqghod 108, Triq Atocia, Hamrun, li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 236066(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Alexander sive Sandro Maggi u cioe’ talli nhar it-23 ta’ Gunju, 2009, ghall-habta bejn is-6.00pm., u s-6.30pm., waqt li kien fi Triq Ramon Perello, San Pawl il-Bahar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta waqt li kien bil-karozza tieghu li ggib in-numru AAJ-249 t’ghamla Puegeot 205, saq ghal fuq il-

karozza li ggib in-numru MML-420 t'ghamla Mercedes kif ukoll ta' bis-sieq fuq il-bieba tan-naha tas-sewwieq bil-konsegwenza li kkaguna hsarat li l-valur taghhom jammontaw ghal bejn 7,000 u 8,000 Euro u dan ghad-dannu ta' Mario Borg li hu sid l-imsemmija karozza

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, kiser il-paci pubblika bl-ghajjat u storbju.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, meta dahal bil-karozza tieghu fuq il-karozza tal-imsemmi Mario Borg, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ibnu li jimsu Ruslan Maggi li ghad ghandu hames snin u dan skont ma kif iccertifika t-tabib N. Caruana MD (Reg. 2398) tac-centru tas-sahha tal-Mosta.

U aktar talli b'ghemilu kiser il-garanzija li kienet giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fis-26/11/2008 meta kien marbut b'garanzija ta' 232.94 Euro ghal zmien sena biex ma jimmolestax lill-imsemmi Mario Borg.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, id-dikjarazzjoni tieghu li lest li jaghmel tajjeb ghad-danni, izda fuq kollox illi din kienet kwistjoni familjari fejn l-imputat jinsab ghaddej proceduri ta' separazzjoni minn ma martu u qed jinholqu incidenti

bejn l-imputat u martu fejn qed tigi involuta terza persuna. Il-Qorti tittama illi l-imputat jifhem il-gravita ta’ l-azzjonijiet tieghu u jiddesisti minn dana l-atteggjament.

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 226(1)(c), 325(1)(a), 338(dd) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija, li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula dana l-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjdu operattiv ta’ din is-sentenza.

Inoltre l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas il-penali ta’ €232.94 imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-26 ta’ Novembru, 2008.

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti u s-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------